**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 29 ta' Diċembru, 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elisia Scicluna)**

**Vs**

**Bashir Abdullah Mohammed**

**(Numru tal-Pulizija: 19R031)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Bashir Abdullah Mohammed** li ġie akkużat talli nhar it- 18 ta' Diċembru, 2022, bejn is-00.50hrs u s-01.15hrs ġewwa Triq il-Marsa, il-Marsa, Malta:-

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed fil-periklu għall-ħajja, volontarjament ikkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq il- persuna ta' Mahamed Hassan Muhudin, skond kif ġie ċċertifikat minn Dr. Sarah Debattista reg. no. 3945 ġewwa l-isptar Mater Dei;

2. Fl- istess ċirkostanzi, volontarjament kiser l- bon ordni u paċi pubbliku.

U aktar talli nhar is-27 ta’ Diċembru, 2022, għall-ħabta tas-13.05hrs, ġewwa Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa, Malta:-

1. Mingħajr ma darab jew sawwat, hedded lil Mahamed Hassan Muhudin b’ġebel jew oġġett iebes, jew waddab jew qabad xi arma sabiex iħebb għalih.

2. Kif wkoll talli fl- istess ċirkostanzi, volontarjament kiser l- bon ordni u paċi pubbliku.

U aktar talli fil-perjodu ta’ bejn it-18 ta’ Diċembru, 2022, u is-27 ta’ Diċembru, 2022, ġewwa il-gżejjer Maltin:-

1. Fl-istess ċirkustanzi għix ħajja ta’ għażż u ta’ vagabundaġġ.

U aktar talli nhar is-26 ta’ Diċembru, 2022, fis-13.00hrs, ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin:-

1. Inqast milli tħares waħda jew aktar minn waħda mill-kundizzjonijiet imposta fuqek skond kif ordnat mill-uffiċjal tad-detenzjoni datati nhar it-18 ta’ Diċembru 2022 u li permezz ta’ dan hu kien ingħata il-ħelsien mill-arrest tħat diversi kundizzjonijiet.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u semgħatu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-piena relattivi għall-imputazzjonijiet;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta’ ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti se ssib lill-imputat ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-imputat il-Qorti tosserva illi l-imputat ammetta mal-ewwel okkażjoni li kellu, li kkopera mal-Pulizija u li għandu fedina penali netta. Għaldaqstant il-Qorti tħoss li għandha tagħti dan iċ-

ċans lill-imputat li ma jingħatax sentenza ta' priġunerija effettiva. Madanakollu l-imputat irid joqgħod ferm attent li ma jerġax jirrepeti aġir kriminuż għaliex altrimenti dawn il-Qrati ikollhom jitrattaw miegħu mod ieħor.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 221, 338 (dd) 338 (w), 339 (1) (b) u 355AL (4) tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Bashir Abdullah Mohammed** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għal disa' (9) xhur priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qegħdin jiġu sospiżi għal żmien sentejn (2) mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-ħati fi kliem ordinarju ai termini tal-artikolu 28A (4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-import ta' din is-sentenza u x'jiġri jekk jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija fi żmien sentejn (2) mil-lum.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**